

Il-Ġurnal Uffiċjali C 219

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

3 ta' Lulju 2020

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2020/C 219/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9842 — Hitachi Chemical Company/Fiamm Energy Technology) ⁽¹⁾	1
2020/C 219/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9859 — Alcopa Coordination Center/Beran Central Europe/Alcomotive) ⁽¹⁾	2
2020/C 219/03	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9690 — Savencia/Compagnie des Fromages et Richesmonts) ⁽¹⁾	3

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2020/C 219/04	Rata tal-kambju tal-euro — It-2 ta' Lulju 2020	4
2020/C 219/05	Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar prattiċi restrittivi u pożizzjonijiet dominanti waqt il-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Mejju 2019 dwar abbozz ta' deċiżjoni fil-Każ AT.40135 — Forex-Essex Express Relatur: iċ-Ċekja ⁽¹⁾	5
2020/C 219/06	Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta AT.40135 — FOREX (Essex Express) ⁽¹⁾	7
2020/C 219/07	Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2019 li jirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Il-Każ AT.40135 — Forex-Essex Express) (<i>notifikat bin-numru tad-dokument C(2019)3521</i>) ⁽¹⁾	8

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Bank Ewropew tal-Investment

2020/C 219/08	Sejħa għall-proposti L-Istitut tal-Bank Ewropew tal-Investment jipproponi sponsorship ġdid ta' EIBURS taħt il-Programm ta' Tagħrif tiegħu	13
---------------	---	----

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2020/C 219/09	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9744 — Mastercard/Nets) ⁽¹⁾	15
2020/C 219/10	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9884 — Thoma Bravo/Madison Dearborn Partners/Axiom) Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	17
2020/C 219/11	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9855 — Onex/Independent Clinical Services) Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	18

Rettifika

2020/C 219/12	Rettifika tal-Avviż ta' Informazzjoni — Konsultazzjoni Pubblika Indikazzjonijiet Ġeografiċi mill-Ġappun (ĠU C 217, 1.7.2020)	19
---------------	--	----

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.9842 — Hitachi Chemical Company/Fiamm Energy Technology)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 219/01)

Fl-24 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32020M9842. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata
(Il-Każ M.9859 — Alcopa Coordination Center/Beran Central Europe/Alcomotive)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 219/02)

Fil-25 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32020M9859. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata
(Il-Każ M.9690 — Savencia/Compagnie des Fromages et Richesmonts)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 219/03)

Fil-11 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bil-Franċiż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazżjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni
- (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazżjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-inċi settorjali.
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32020M9690. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-2 ta' Lulju 2020

(2020/C 219/04)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1286	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5343
JPY	Yen Ġappuniż	121,24	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,7469
DKK	Krona Daniża	7,4506	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7297
GBP	Lira Sterlina	0,90225	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5726
SEK	Krona Żvediża	10,4635	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 353,90
CHF	Frank Żvizzeru	1,0648	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	19,0952
ISK	Krona İzlandiża	156,20	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,9759
NOK	Krona Norveġiża	10,6873	HRK	Kuna Kroata	7,5605
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 227,58
CZK	Krona Ċeka	26,632	MYR	Ringgit Malażjan	4,8366
HUF	Forint Ungeriż	351,59	PHP	Peso Filippin	56,078
PLN	Zloty Pollakk	4,4740	RUB	Rouble Russu	79,4434
RON	Leu Rumun	4,8355	THB	Baht Tajlandiż	35,054
TRY	Lira Turka	7,7368	BRL	Real Brażiljan	5,9823
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6296	MXN	Peso Messikan	25,5360
			INR	Rupi Indjan	84,3540

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar prattiċi restrittivi u pożizzjonijiet dominanti waqt il-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Mejju 2019 dwar abbozz ta' deċiżjoni fil-Każ AT.40135 — Forex-Essex Express

Relatur: iċ-Ċekja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 219/05)

1. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-imġiba antikompetittiva koperta mill-abbozz ta' deċiżjoni tikkostitwixxi ftehimiet u/jew prattiċi miftiehma bejn l-impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 101 tat-TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.
2. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-prodott u tal-ambitu ġeografiku tal-ftehimiet u/jew il-prattiċi miftiehma miġbura fl-abbozz ta' deċiżjoni.
3. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-impriżi kkonċernati mill-abbozz ta' deċiżjoni pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 tat-TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, kif inhu miktub fl-abbozz ta' deċiżjoni.
4. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-għan tal-ftehimiet u/jew tal-prattiċi miftiehma kien li jirrestrinġu l-kompetizzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 101 tat-TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.
5. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-ftehimiet u/jew il-prattiċi miftiehma kienu kapaċi jaffettwaw b'mod apprezzabbli l-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-UE.
6. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward ta' kemm dam għaddej il-ksur.
7. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li għandha tiġi imposta multa fuq id-destinatarji tal-abbozz ta' deċiżjoni.
8. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-metodu għall-iffissar tal-multi b'applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-2006 dwar il-metodu tal-iffissar ta' multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ⁽¹⁾.
9. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-iffissar tal-ammonti bażiċi tal-multi u l-korrezzjonijiet applikati għas-sovrapożizzjonijiet.
10. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mad-determinazzjoni tad-durata għall-finijiet tal-kalkolu tal-multi.
11. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li ma hemmx ċirkustanzi aggravanti applikabbli f'dan il-każ.
12. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li f'dan il-każ hemm ċirkustanzi mitiganti fir-rigward ta' żewġ partijiet.
13. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis tal-multi u l-immunitajiet parzjali abbażi tal-Avviż ta' Klemenza tal-2006.
14. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni fir-rigward tat-tnaqqis tal-multi abbażi tal-Avviż ta' Riżolviment tal-2008.

⁽¹⁾ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

15. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammonti finali tal-multi.
 16. Il-Kumitat Konsultattiv (disa' Stati Membri) jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-Opinjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-

Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta ⁽¹⁾**AT.40135 — FOREX (Essex Express)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 219/06)

L-abbozz ta' deċiżjoni, indirizzat lil UBS ⁽²⁾, RBS ⁽³⁾, Barclays ⁽⁴⁾ u BOTM ⁽⁵⁾ (flimkien imsejħin "il-Partijiet"), jirrigwarda ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 tat-TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE b'rabta man-negozjar fil-pront b'valuti tal-G10 bejn Diċembru 2009 u Lulju 2012. Fl-abbozz ta' deċiżjoni qed jiġi kkonstatat li l-Partijiet ftiehem bejniethom li jaqsmu ċerta informazzjoni kummerċjalment sensitiva li hija attwali jew orjentata lejn il-futur u li jikkoordinaw b'mod okkażjonali l-attivitajiet tagħhom. L-aġir inkwistjoni seħħ f'żewġ chatrooms ta' Bloomberg imsejħa "Essex Express 'n Jimmy" u "Grumpy Semi old Men".

Fis-27 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni bdiet proċedimenti skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ⁽⁶⁾ u l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 773/2004 ⁽⁷⁾ kontra l-Partijiet.

Wara d-diskussjonijiet ta' riżolviment ⁽⁸⁾ u s-sottomissjonijiet ta' riżolviment ⁽⁹⁾ f'konformità mal-Artikolu 10a(2) tar-Regolament (KE) Nru 773/2004, fl-24 ta' Lulju 2018 il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ("DO") indirizzata lill-Partijiet.

Fir-risposti rispettivi tagħhom għad-DO, il-Partijiet ikkonfermaw skont l-Artikolu 10a(3) tar-Regolament (KE) Nru 773/2004 li d-DO irriflettiet il-kontenut tas-sottomissjonijiet dwar ir-riżolviment tagħhom u li għalhekk baqgħu impenjati li jsewgu l-proċedura ta' konċiljazzjoni.

F'konformità mal-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE, eżaminajt jekk l-abbozz ta' deċiżjoni jittrattax biss l-oġġezzjonijiet li l-Partijiet ingħataw l-opportunità jesprimu l-fehmiet tagħhom dwarhom. Ikkonkludejt li dan seħħ.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u b'kunsiderazzjoni li l-Partijiet ma indirizzawli l-ebda talba jew ilment ⁽¹⁰⁾, inqis li l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali tal-Partijiet fil-proċedimenti ta' dan il-każ ġie rrispettat.

Brussell, is-7 ta' Mejju 2019.

Wouter WILS

⁽¹⁾ Skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29).

⁽²⁾ UBS AG.

⁽³⁾ The Royal Bank of Scotland Group plc u NatWest Markets plc.

⁽⁴⁾ Barclays plc, Barclays Services Limited, Barclays Capital Inc. u Barclays Bank plc.

⁽⁵⁾ Mitsubishi UFJ Financial Group Inc. u MUFG Bank, Ltd.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18).

⁽⁸⁾ Il-laqgħat ta' riżolviment saru bejn Novembru 2016 u Frar 2018.

⁽⁹⁾ Il-Partijiet issottomettew it-talbiet formali għal riżolviment bejn [...] u [...].

⁽¹⁰⁾ Skont l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni 2011/695/UE, il-partijiet fil-proċedimenti f'każijiet ta' kartelli li jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet għar-riżolviment skont l-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 773/2004, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura għar-riżolviment jistgħu jikkonfermaw mal-uffiċjal tas-seduta li l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet proċedurali tagħhom ikun żgurat. Ara wkoll il-paragrafu 18 tal-Avviż tal-Kummissjoni 2008/C 167/01 dwar il-mod ta' proċedimenti ta' riżolviment ta' tilwim bil-għan li jiġu adottati Deċiżjonijiet skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-każijiet tal-kartelli (ĠU C 167, 2.7.2008, p. 1).

Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni**tas-16 ta' Mejju 2019****li jirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE****(Il-Każ AT.40135 — Forex-Essex Express)***(notifikat bin-numru tad-dokument C(2019)3521)***(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 219/07)

Fis-16 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ⁽¹⁾, il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluża kull penali imposta, fid-dawl tal-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

1. INTRODUZZJONI

- (1) Id-destinatari tad-Deċiżjoni pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 taż-ŻEE. L-oġġett tal-ksur kien ir-restrizzjoni u/jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-settur tan-negozjar fil-pront (FX jew Forex) b'muniti tal-G10 ⁽²⁾.
- (2) Fil-każ tal-muniti tal-G10 huma kkonċernati USD u CAD, JPY, AUD, NZD, GBP, EUR, CHF, SEK, NOK u DKK (jiġifieri b'kolloxx 11-il munita, li b'mod korrispondenti għall-konvenzjoni tas-suq jissejħu "muniti tal-G10"). Il-klijenti ewlenin tan-negozjanti fis-suq tal-muniti barranin huma maniġers tal-assi, fondi ta' pensjoni, fondi spekulattivi, korporazzjonijiet u banek oħra.
- (3) In-negozjar fil-pront tal-FX ikopri kemm (i) il-market making, jiġifieri l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-klijent biex jiskambja ammont ta' munita bl-ekwivalenti tiegħu f'munita oħra, kemm (ii) in-negozjar fl-isem proprju, jiġifieri l-eżekuzzjoni ta' proċessi oħra tal-kambju għall-finijiet tal-kontroll tal-iskopertura li tirriżulta mit-tranżazzjonijiet tal-market making.
- (4) Il-postijiet tan-negozjar tal-impriżi rilevanti, responsabbli min-negozjar fil-pront bil-muniti tal-G10, kienu lesti jinnegozjaw kull waħda minn dawn il-muniti f'dipendenza mid-domanda tas-suq. Filwaqt li n-negozjanti parteċipi stess kienu primarjament responsabbli mill-market making fir-rigward ta' muniti jew pari ta' muniti speċifiċi, fuq il-bażi tal-mandat tagħhom dawn setgħu jinnegozjaw fisem l-impriża tagħhom stess bil-muniti kollha tal-G10 disponibbli fil-kotba tagħhom, xi ħaġa li għamlu fil-perjodu rilevanti b'firxiet differenti, biex jimmassimizzaw il-valur tal-parteċipazzjonijiet rispettivi tagħhom.
- (5) Rilevanti għall-ksur huma t-tliet tipi ta' ordnijiet li ġejjin, li jaqgħu fil-qasam tan-negozjar imwettaq fuq ordni tal-klijenti (market making) tan-negozjanti parteċipi:
 - Ordnijiet immedjati tal-klijenti, biex jitwettqu immedjatament negozji b'ċertu ammont ta' munita bir-rata prevalenti tas-suq;
 - Ordnijiet kundizzjonali tal-klijenti, li jiġu eżegwiti jekk jintlaħaq livell ta' prezz partikolari u joħloq skopertura għar-riskju għan-negozjanti. Dawn isiru eżegwibbli biss meta s-suq jilħaq ċertu limitu (pereżempju ordni ta' stop-loss jew take-profit);

⁽¹⁾ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

⁽²⁾ Il-każ ma jikkonċernax in-negozjar fil-pront elettroniku tal-FX, iddefinit bħala negozji fil-pront tal-FX li jiġu rreġistrati mill-pjattaformi ta' negozjar elettroniċi jew mill-algoritmi tal-kompjuter tal-banek rilevanti jew jiġu eżegwiti fuqhom.

- Ordnijiet tal-klijenti għall-eżekuzzjoni ta' negozju b'rata tal-kambju ta' referenza jew bir-rata ta' referenza għal pari ta' muniti partikolari; f'dan il-każ dan kien jikkonċerna biss il-Closing Spot Rates ta' WM/Reuters (iktar 'il quddiem "ir-rati ta' referenza ta' WMR) u r-rati tal-kambju ta' referenza tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem "ir-rati ta' referenza tal-BĊE")⁽³⁾.
- (6) Id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-entitajiet legali li ġejjin (iktar 'il quddiem "id-destinatariji"):
- UBS AG (minn hawn 'il quddiem "UBS")
 - The Royal Bank of Scotland Group plc u NatWest Markets Plc⁽⁴⁾ (flimkien "RBS")
 - Barclays PLC, Barclays Services Limited, Barclays Capital Inc u Barclays Bank Plc (flimkien "Barclays") u
 - Mitsubishi UFJ Financial Group Inc. u MUFG Bank, Ltd. (flimkien "BOTM")
- (7) Id-Deċiżjoni hija bbażata fuq l-evidenza inkluża fil-fajl tal-Kummissjoni kif ukoll fuq ir-rikonoxximent ċar u inekwivoku tal-fatti u l-kwalifika legali tagħhom fis-sottomissjonijiet tar-riżolviment ippreżentati mid-destinatariji ta' din id-Deċiżjoni kif ukoll fuq il-konferma espliċita u inekwivoka tagħhom li d-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet tirrifletti l-kontenut tas-sottomissjonijiet tagħhom tar-riżolviment.

2. DESKRIZZJONI TAL-KAŻ

2.1. Proċedura

- (8) L-investigazzjoni nfetħet fuq il-bażi ta' applikazzjoni għal immunità minn UBS fis-27 ta' Settembru 2013. Sussegwentement, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjonijiet inizjali għall-klemlenza mingħand Barclays fil-11 ta' Ottubru 2013 u mingħand RBS fil-14 ta' Ottubru 2013. Il-Kummissjoni tat immunità kundizzjonali lil UBS fit-2 ta' Lulju 2014.
- (9) Fis-27 ta' Ottubru 2016 tnedew proċedimenti kontra l-partijiet bil-ħsieb li jsiru diskussjonijiet dwar ir-riżolviment. Bejn Novembru 2016 u Frar 2018, il-Kummissjoni kellha laqgħat bilaterali u kienet f'kuntatt ma' kull waħda mill-partijiet ftliet ċikli ta' riżolviment, f'konformità mal-Avviż ta' Riżolviment.
- (10) Fil-24 ta' Jannar 2018 il-Kulleġġ tal-Kummissarji approva l-firxiet tal-multi x'aktarx applikabbli. Il-partijiet kollha sussegwentement ippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom tar-riżolviment, li fihom irrikonoxxew l-imputabilità tagħhom għall-ksur (inkluż ir-rwol tagħhom u d-durata tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur) u aċċettaw l-ammont massimu tal-multa previst mill-Kummissjoni.
- (11) Il-Kummissjoni adottat id-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet fil-24 ta' Lulju 2018 u l-partijiet kollha mingħajr ekwivoku kkonfermaw li hija kienet tikkorrispondi mal-kontenut tas-sottomissjonijiet tagħhom ta' riżolviment u li kienu impenjati li jseguw l-proċedura għar-riżolviment. Il-Kumitat Konsultattiv fil-qasam tal-Prattiċi Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli fis-6 ta' Mejju 2019. Fis-7 ta' Mejju 2019, l-Uffiċjal tas-Seduta ħareġ ir-rapport finali tiegħu. Il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni fis-16 ta' Mejju 2019.

2.2. Deskrizzjoni tal-imġiba

- (12) Id-Deċiżjoni tirrigwarda l-kartell "Essex Express" (imsemmi għaċ-chatroom professjonali ta' Bloomberg li fiha l-evidenza tal-imġiba) bejn UBS, Barclays, RBS u BOTM, li seħħ bejn l-14 ta' Diċembru 2009 u l-31 ta' Lulju 2012. Id-durata tal-parteċipazzjoni tal-kumpaniji differenti tvarja (ara l-punt (16)). Il-kartell huwa dokumentat f'komunikazzjonijiet li seħħew fi ħdan żewġ chatrooms ta' Bloomberg li inizjalment kienu qed joperaw b'mod parallel: (i) "Essex Express 'n Jimmy", li tinvolvi negozjanti minn UBS, Barclays u RBS u (ii) "Grumpy Semi Old Men", bejn negozjanti minn BOTM, Barclays u RBS. F'Jannar 2011 iċ-chatroom "Grumpy Semi Old Men" ġiet inkorporata fiċ-chatroom "Essex Express 'n Jimmy" li kompliet għaddeja sa Lulju 2012. Fiċ-chatrooms ipparteċipaw negozjanti li kienu impjegati mill-impriżi rispettivi tagħhom waqt il-perjodu rilevanti, u kull wieħed minnhom kien awtorizzat jinnegozja bil-muniti tal-G10 fil-qafas ta' tranżazzjonijiet spot f'isem u għan-nom tal-impjegatur tiegħu fil-post apposta tan-negozjar fil-pront tal-kambju.

⁽³⁾ Ir-rata ta' referenza ta' WMR u tal-BĊE huma bbażati fuq in-negozjar fil-pront tal-FX min-naħa tal-parteċipanti fis-suq fil-mument jew qrib il-mument li fihom jiġu f'fissati r-rati ta' referenza rispettivi ta' WMR jew tal-BĊE.

⁽⁴⁾ Fit-30 ta' April 2018 The Royal Bank of Scotland plc bidel ismu għal NatWest Markets plc.

- (13) L-oġġett tal-kartell kien ksur uniku u kontinwu kkaratterizzat mill-iskambju bejn in-negozjanti — f'dawn iċ-chatrooms privati u fil-biċċa l-kbira multilaterali u b'mod estensiv u rikorrenti — ta' ċerta informazzjoni kummerċjalment sensittiva, attwali jew orjentata lejn il-futur, dwar l-attivitajiet ta' negozjar tagħhom. Dan l-iskambju ta' informazzjoni seħħ skont ftehim taċitu sottostanti li: (i) tali informazzjoni setgħet tintuża għall-benefiċċju rispettiv tan-negozjanti u sabiex tidentifika okkażjonijiet biex tikkoordina l-kummerċ tagħhom; (ii) tali informazzjoni tkun kondiviża f'chatrooms privati; (iii) in-negozjanti ma jiżvelawx din l-informazzjoni kondiviża li jirċievu minn parteċipanti oħra taċ-chatrooms lil partijiet barra miċ-chatrooms privati; u (iv) tali informazzjoni kondiviża ma tintużax kontra n-negozjanti li jaqsmuha (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-ftehim sottostanti"). Barra minn hekk, skont il-ftehim sottostanti, in-negozjanti b'mod okkażjonali kkoordinaw l-attivitajiet ta' negozjar tagħhom fir-rigward tan-negozjar fil-pront b'muniti tal-G10. L-iskambju tal-informazzjoni kien immirat fuq żewġ parametri bażiċi tal-kompetizzjoni fin-negozjar professjonali fil-pront tal-kambju: il-prezz u l-geštjoni professjonali tar-riskju.
- (14) Minflok ma kkompetew b'mod awtonomu fir-rigward ta' dawn il-parametri, fid-deċiżjonijiet tagħhom relatati mas-suq in-negozjanti bbażaw fuq informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet, l-intenzjonijiet u r-restrizzjonijiet tal-kompetituri tagħhom. Kienu problematiċi:
- l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa tan-negozjanti, li seta' jipprovdihom tagħrif dwar l-imġiba potenzjali ta' hedging tal-kollegi tagħhom. Huma pprovdew informazzjoni lin-negozjanti li setgħet tkun rilevanti għad-deċiżjonijiet ta' negozjar sussegwenti tagħhom għal perjodu ta' minuti jew sal-iskambju ta' informazzjoni li jmiss.
 - l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-firxiet bejn it-talba u l-offerta eżistenti jew intenzjonati tagħhom, li ddivulgaw il-prezz ikkwotat min-negozjanti għal pari ta' muniti u volumi ta' negozju speċifiċi u li setgħu jaffettwaw ukoll il-prezz globali mħallas mill-klijenti għan-negozjar bil-muniti. Skont il-volatilità tas-suq f'dak iż-żmien, l-informazzjoni tista' tibqa' utli għan-negozjanti l-oħra f'perjodu li jista' jkun ta' f'it sigħat.
 - l-iskambju ta' informazzjoni dwar negozjar attwali jew ipplanat u ordnijiet pendenti tal-klijenti (stop loss orders, ordnijiet bir-rata ta' referenza u ordnijiet immedjati), li kienu utli għan-negozjanti fid-deċiżjonijiet sussegwenti tagħhom u ppermettewlhom jidentifikaw l-okkażjonijiet biex jikkoordinaw in-negozjar tagħhom.
- (15) Barra minn hekk, biex jiksbu vantaġġ fuq il-kompetituri li ma kinux parteċipanti fiċ-chatrooms, in-negozjanti parteċipi okkażjonalment ikkoordinaw il-pożizzjonijiet ta' negozjar bil-ħsieb li jinfluwenzaw ir-rati ta' referenza ta' WMR u tal-BĊE.

2.3. Involvement tal-impriżi individwali fl-imġiba

- (16) UBS, Barclays, RBS u BOTM ipparteċipaw fl-imġiba msemmija qabel fil-perjodi indikati fit-tabella li ġejja:

Tabella 1: involvement tal-Partijiet fiċ-chatrooms

BANK	ESSEX EXPRESS (*)	GRUMPY SEMI OLD MEN (*)
UBS	14.12.2009–31.7.2012	
BARCLAYS	14.12.2009–31.7.2012	8.9.2010–12.1.2011
	6.1.2011–31.7.2012	
RBS	14.9.2010–8.11.2011	16.9.2010–12.1.2011
BOTM	12.1.2011–12.9.2011	8.9.2010–12.1.2011

(*) Bit-tipa grassa huma mmarkati l-bidu u t-tmiem tal-parteċipazzjoni f'Essex Express għal kull bank.

2.4. **Ambitu ġeografiku**

- (17) L-ambitu ġeografiku tal-ksur kopra mill-anqas it-territorju kollu taż-ŻEE.

2.5. **Rimedji**

- (18) Id-deċiżjoni tapplika l-Linji Gwida tal-Kummissjoni tal-2006 dwar il-Multi ⁽⁹⁾. Id-Deċiżjoni timponi multi fuq l-entitajiet ta' Barclays, RBS u BOTM elenkati fil-punt (6).

2.5.1. *Ammont bażiku tal-multa*

- (19) Il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li jiġi applikat indikatur għall-valur tal-bejgħ bħala punt ta' tluq għad-determinazzjoni tal-multi għax tranżazzjonijiet spot bil-muniti tal-G10 ma jiġġenerawx valur tal-bejgħ li jista' jiġi traċċat direttament fil-kontijiet tal-Partijiet.

- (20) Il-Kummissjoni tistabbilixxi l-indikatur għall-valuri rilevanti tal-bejgħ kif ġej:

— L-ewwel nett bħala referenza l-Kummissjoni tiegħu l-ammonti nozzjonali kkalkolati fuq sena, li l-impriżi kkonċernati nneogzjaw fil-qafas ta' tranżazzjonijiet spot b'muniti tal-G10, li saru ma' kontropartijiet li jinsabu fiż-ŻEE. Għal dan il-għan il-Kummissjoni tqis li jkun iktar xieraq li l-indikatur għall-valur tal-bejgħ ikun ibbażat direttament fuq id-dħul tal-Partijiet fix-xhur li jikkorrispondu mal-parteċipazzjoni rispettiva tagħhom fil-ksur, li mbagħad jinħadem fuq sena.

— It-tieni, il-Kummissjoni timmultiplika dawn l-ammonti b'fattur ta' aġġustament xieraq, uniformi għall-Partijiet kollha, li jirrifletti l-firxiet applikabbli bejn it-talba u l-offerta fit-tranżazzjonijiet spot bil-muniti tal-G10. Dan il-fattur huwa s-somma ta' żewġ elementi: wieħed relatat mal-attivitajiet ta' market making u t-tieni wieħed relatat man-neogzjar fl-isem proprju.

- (21) Għal dawk l-impriżi li ppreżentaw sottomissjonijiet addizzjonali ta' riżolviment fil-Każ 40.135 — Forex, (mhux kopert b'din id-Deċiżjoni), fid-diskrezzjoni tagħha l-Kummissjoni ddeċidiet li tapplika fattur ta' korrezzjoni oġġettiv li jirrifletti l-grad tas-sovrapożizzjoni temporali biex tevita eżitu potenzjalment sproporzjonat. Fil-qafas ta' din id-deċiżjoni dan iwassal għall-applikazzjoni ta' fatturi korrettivi fuq il-valur tal-bejgħ ikkonfermat ta' UBS, Barclays u RBS.

2.5.2. *Aġġustamenti għall-ammont bażiku*

2.5.2.1. *Ċirkostanzi aggravanti*

- (22) F'dan il-każ mhumiex applikati ċirkostanzi aggravanti.

2.5.2.2. *Ċirkostanzi mitiganti*

- (23) Fir-rigward ta' UBS u BOTM jitqiesu ċirkostanzi mitiganti minħabba parteċipazzjoni limitata li tirriżulta fi tnaqqis tal-multa b'5 % kull wieħed. Iż-żewġ kumpaniji ma kinux jafu bl-eżistenza ta' chatrooms "Grumpy Semi Old Men" u "Essex Express 'n Jimmy" fil-perjodu qabel ma nqas chatrooms.

2.5.2.3. *Żieda speċifika bħala deterrent*

- (24) Sabiex jiġi żgurat li l-multi jkollhom effett ta' deterrent suffiċjenti, il-Kummissjoni tista' żżid il-multi imposti fuq impriżi li għandhom valur tal-bejgħ partikolarment kbir bis-saħħa ta' beni jew servizzi li mhumiex relatati mal-ksur ⁽⁹⁾.

⁽⁹⁾ ĠU C 210, 1.9.2006, p. 2.

⁽⁹⁾ Il-punt 30 fil-Linji Gwida tal-2006 dwar il-multi.

- (25) F'dan il-każ huwa xieraq li jiġi applikat fattur multiplikanti ta' deterrenza fuq il-multi li għandhom jiġu imposti fuq BOTM.

2.5.2.4. Applikazzjoni tal-limitu tal-valur tal-bejgħ ta' 10 %

- (26) F'konformità mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, f'dan il-każ l-ebda multa ma teċċedi l-10 % tal-valur tal-bejgħ totali tal-imprezzi fis-sena kummerċjali li tippreċedi d-data ta' din id-Deċiżjoni ⁽⁷⁾.

2.5.2.5. Applikazzjoni tal-Avviż ta' Klemenza tal-2006: tnaqqis tal-multi

- (27) UBS qed jingħata l-immunità mill-multi. Barra minn hekk, lil Barclays il-Kummissjoni tatu tnaqqis tal-multa b'50 % u lil RBS tnaqqis b'25 %.

2.5.2.6. Applikazzjoni tal-Avviż ta' Riżolviment

- (28) B'riżultat tal-applikazzjoni tal-Avviż ta' Riżolviment, l-ammont tal-multi imposti fuq l-imprezzi kollha tnaqqas b'10 % u dan it-tnaqqis ġie miżjud ma' kwalunkwe gwadann ta' klemenza.

3. KONKLUŻJONI

- (29) Il-multi li ġejjin ġew imposti skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003

- (30) Tabella 2: Ammonti tal-multi għall-ksur

Imprezza	Multi (f'EUR)
UBS	0
Barclays	94 217 000
RBS	93 715 000
BOTM	69 750 000

⁽⁷⁾ Il-Kummissjoni talbet lill-banek jipprovdu l-valur tal-bejgħ totali tagħhom fuq bażi grossa kif ukoll netta. Irrispettivament mill-valur tal-bejgħ totali meqjus (gross jew nett), il-multi għal ebda imprezza kkonċernata ma jeċċedu l-10 % tal-valur tal-bejgħ totali.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Sejħa għall-proposti

L-Istitut tal-Bank Ewropew tal-Investment jipproponi sponsorship ġdid ta' EIBURS taħt il-Programm ta' Tagħrif tiegħu

(2020/C 219/08)

Il-Programm ta' Tagħrif tal-Istitut tal-Bank tal-Investment Ewropew jiffinanzja l-għotjiet għar-riċerka tiegħu permezz ta' skemi differenti. Wieħed minnhom huwa:

— **EIBURS**, il-Programm ta' Sponsorship għar-Riċerka Universitarja tal-BEI (**EIB University Research Sponsorship Programme**)

EIBURS jipprovdi għotjiet lil dipartimenti universitarji jew ċentri ta' riċerka assoċjati ma' universitajiet fl-UE, f'pajjiżi kandidati jew f'pajjiżi kandidati potenzjali li jkunu qegħdin jaħdmu fuq suġġetti ta' riċerka li huma ta' interess kbir għall-Bank. L-isponsorships tal-**EIBURS** — li jilhqgħu mal-EUR 100 000 fis-sena għal perjodu ta' tliet snin — jingħataw permezz ta' proċess kompetittiv lil dipartimenti universitarji interessati jew ċentri ta' riċerka b'ħila esperta rikonossuta fil-qasam magħżul. Proposti li jirnexxu jinvolvu l-kisba ta' diversi riżultati li jkunu soġġetti għal ftehim kuntrattwali mal-Bank Ewropew tal-Investment.

Għas-sena akkademika 2020/2021, il-programm **EIBURS** qiegħed ifittex proposti fuq tema ta' riċerka ġdida:

“Kompetittività, tkabbir u diġitalizzazzjoni tad-ditti”**1. Punt Fokali tal-Proġett**

Matul dawn l-aħħar 20 sena, it-tendenza kienet li t-tkabbir ekonomiku kien qiegħed inaqas ir-ritmu fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi żviluppati, u b'mod partikolari f'ħafna pajjiżi tal-UE. Parti minn dan it-tnaqqis fir-ritmu hija attribwita għal investment dgħajjef fid-deċennju ta' wara l-kriżi finanzjarja fl-2008. Id-dekompożizzjonijiet standard tal-kontabilità tat-tkabbir juru, madankollu, li t-tnaqqis fir-ritmu tat-tkabbir totali tal-fatturi tal-produttività kellu rwol ferm akbar mill-investment fl-ispegazzjoni tat-tnaqqis fir-ritmu tat-tkabbir ekonomiku madwar l-UE.

Il-kompetittività hija ddeterminata mill-prestazzjoni tal-produttività. Ir-riċerka eżistenti turi li t-tkabbir aggregat fil-produttività huwa l-kanal ewlieni għall-kisba ta' titjib sostnut fil-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku, il-benesseri u l-istandards tal-għajxien. Fl-aħħar mill-aħħar, il-produttività aggregata ta' ekonomija hija s-somma tal-produttivitajiet tad-ditti u n-negozji tagħha. B'hekk huwa importanti li nifhemu aħjar id-determinanti tal-kompetittività u t-tkabbir sodi.

It-teknoloġiji ġodda jipprovdu opportunitajiet għal qabżiet kbar fil-produttività, u d-diġitalizzazzjoni tal-attività ekonomika tista' tagħti l-ispinta meħtieġa għall-produttività fl-UE. L-investment korporattiv fid-diġitalizzazzjoni aktarx li jsir mutur ewlieni fil-kompetittività korporattiva. L-organizzazzjoni tan-negozji madwar teknoloġiji diġitali tipprovdi opportunitajiet biex jiżied il-fatturat, l-espansjoni ferm rapida, il-qbid ta' swieq kbar u t-titjib tal-vantaġġ kompetittiv.

It-tibdil fil-klima jista' jkollu impatt negattiv fuq l-assi fissi u l-produttività, biex ikompli jżid mal-fatturi li jżommu l-produttività milli tavvanza. Il-politiki li jindirizzaw it-tibdil fil-klima jistgħu jwasslu biex ċerti assi u saħansitra industrij sħaħ jispiċċaw skaduti. B'hekk, it-tibdil fil-klima u l-politiki ta' mitigazzjoni jżidu l-isfidi għall-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku. Madankollu, it-tfittxija riżultanti għal teknoloġiji ġodda u soluzzjonijiet innovattivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) u stokks eżistenti ta' GHG, biex isir adattament għall-klima li qiegħda tinbidel u biex tittejjeb ir-reżiljenza għandha tagħti spinta għall-innovazzjoni u l-progress teknoloġiku.

Huwa ta' importanza kbira għal dawk li jfasslu l-politika li jifhmu s-sorsi tat-tnaqqis fir-ritmu tat-tkabbir tal-produttività. Il-BEI jagħti attenzjoni speċjali biex jistudja l-kompetittività, it-tkabbir sod, l-innovazzjoni, l-aċċess għall-finanzjament u l-investment. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-istudji jidhru fir-rapport ta' investment annwali tal-BEI. Barra minn hekk, sabiex dejjem jifhem aħjar l-investment u l-finanzjament tal-investment, il-BEI kull sena jwettaq sħarriġ kbir ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji fl-Istati Membri kollha tal-UE, u sa mill-2018, fl-Istati Uniti.

L-Istħarriġ tal-BEI dwar l-Investment (EIBIS) jiġbor informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar attivitajiet ta' investment minn impriżi żgħira u ta' daqs medju u korporazzjonijiet akbar, il-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw. L-istħarriġ ikopri xi 12 000 ditta u firxa wiesgħa ta' mistoqsijiet dwar l-investment korporattiv u l-finanzi tal-investment. Fuq il-bażi ta' qafas ta' kampjunar mill-bażi ta' *data* ORBIUS ta' Bureau van Dijk, dawk li jwieġbu għal EIBIS jiġu kkollegati mal-informazzjoni finanzjarja tagħha minn ORBIS u d-*data* anonimizzata titpoġġa għad-dispożizzjoni ta' riċerkaturi li għandhom proġetti ta' riċerka ddefiniti sew.

2. Pjan ta' Azzjoni Propost

Il-BEI qiegħed ifittex proposta ta' riċerka komprensiva biex jiġu analizzati dawn is-suġġetti billi tintuża *data* fuq il-livell tad-ditti u l-EIBIS, f'koordinazzjoni u b'kooperazzjoni mad-Dipartiment tal-Ekonomija tal-BEI, fejn tinsab id-*data* tal-EIBIS. Il-proġett ta' riċerka ser jinkludi bosta analiżijiet u dokumenti, li jiffokaw fuq l-UE jew membri speċifiċi tal-UE, li jindirizzaw:

- L-importanza ta' assi intanġibbli sabiex jiżiedu l-produttività u t-tkabbir tad-ditti. Huwa diffiċli biex jiġu mkejla u kkwantifikati l-assi intanġibbli u għalhekk l-attribuzzjoni tal-gwadanji fil-produttività għall-użu tagħhom jibqa' komputu diffiċli iżda importanti. Dan jippermetti li wieħed jifhem kif l-assi intanġibbli huma akkwistati u miżmuma, il-motivazzjoni tan-negożji biex jinvestu f'kapital intanġibbli, id-differenza fir-redditi fuq dawn l-assi u kapital tanġibbli, u l-inċertezza intrinsika biex isir investment fihom.
- Id-diffikultajiet fil-kwantifikazzjoni u l-ivvalutar ta' assi intanġibbli jnaqqsu l-aċċess għall-finanzjament estern f'sistema finanzjarja li hija ddominata mill-banek. Dawn jenfasizzaw l-importanza li jsir studju ulterjuri tal-bżonnijiet u l-istruttura tal-finanzjament korporattiv fi żminijiet ta' sehem li qiegħed jikber ta' assi intanġibbli.
- Xogħol empiriku u teoretiku dwar l-importanza tar-regolamentazzjoni u l-istituzzjonijiet għat-tkabbir u l-kompetittività tad-ditti.
- Xogħol empiriku u teoretiku dwar l-importanza tar-regolamentazzjoni u l-istituzzjonijiet għat-tixrid tal-għarfien, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji.
- L-irwol tal-politiki ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-isforzi biex tingħata spinta għall-innovazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, il-kompetittività tad-ditti Ewropej.
- Il-kumpaniji Ewropej, b'mod speċjali fis-settur tas-servizzi, jinsabu lura meta mqabbla mal-pari globali fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni. L-investment fid-diġitalizzazzjoni huwa differenti minn investment ġenerali? Id-daqs tas-suq, il-finanzjament, il-ħila esperta fil-ġestjoni ta' proġetti u d-disponibbiltà ta' manodopera tas-sengħa kif jiddeterminaw il-ħeffa u l-grad tad-diġitalizzazzjoni tan-negożji f'ekonomija?
- Ħoll in-ness tad-diġitalizzazzjoni u l-produttività - xprunaturi u relazzjonijiet ta' kawżalità. Id-diġitalizzazzjoni kif hija importanti għall-produttività?
- Minħabba l-fatt li b'mod inerenti n-negożji diġitalizzati jistgħu jespandu kważi mingħajr spejjeż, id-diġitalizzazzjoni spiss tirriżulta f'konċentrazzjoni tas-suq u qawwa fis-suq akbar. Il-qawwa fis-suq fi swieq diġitalizzati għandha l-istess effetti ta' ħsara li huma osservati f'industriji tradizzjonali? X'inhu r-rwol tar-regolaturi?

Il-proposti għandhom jintbagħtu bl-Ingliż sat-30 ta' Settembru 2020 24.00 (CET). Proposti mibgħuta wara din id-*data* ma jiġux ikkunsidrati. Il-proposti għandhom jintbagħtu bl-email lil:

Events.EIBInstitute@eib.org

Għal informazzjoni aktar kompluta dwar il-proċess ta' għażla tal-EIBURS u dwar l-Istitut tal-BEI, jekk jogħġbok żur: <http://institute.eib.org/>

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9744 — Mastercard/Nets)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 219/09)

1. Fis-26 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Mastercard Incorporated (l-Istati Uniti tal-Amerka) ("Mastercard"),
- Nets A/S (id-Danimarka) ("Nets").

MasterCard takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' partijiet min-negozju tas-servizzi korporattivi ta' Nets (il-"Kumpanija fil-Mira").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

Il-konċentrazzjoni kienet referuta lill-Kummissjoni mill-Awtorità Daniża dwar il-Kompetizzjoni u l-Konsumatur skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Sussegwentement, fir-referenza ssiehu wkoll l-Awstrija, il-Finlandja, in-Norveġja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Mastercard: hija kumpanija tat-teknoloġija li taħdem fl-industrija tal-pagamenti globali. Hija proprjetarja u tħaddem skemi ta' kards ta' ħlas ta' erba' partijiet tad-ditta u tipprovdi servizzi ta' bdil għal tranżazzjonijiet bil-kards. MasterCard hija involuta wkoll f'soluzzjonijiet ta' pagamenti alternattivi, permezz ta' Vocalink Holdings Limited, li hija kumpanija li tiffoka fuq il-forniment ta' servizzi infrastrutturali ewlenin għal skemi ta' pagament. MasterCard tipprovdi wkoll servizzi infrastrutturali ċentrali minn kont għal kont bi skemi fl-Ewropa u barra mill-Ewropa;
- il-Kumpanija fil-Mira: hija unità tan-negozju f'Nets, li topera bħala negozju ta' pagamenti globali li jipprovdi servizzi ta' pagament u soluzzjonijiet teknoloġiċi, prinċipalment fir-reġjun Nordiku, kif ukoll fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro. L-attivitajiet tagħha jiffokaw fuq (i) servizzi ta' infrastrutturali ċentrali minn kont għal kont għal ikklerjar f'ħin reali u kklerjar fi gruppi u (ii) firxa ta' servizzi ta' pagament b'fattura minn kont għal kont u servizzi anċillari fid-Danimarka u n-Norveġja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9744 — Mastercard/Nets

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9884 — Thoma Bravo/Madison Dearborn Partners/Axiom)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 219/10)

1. Fil-25 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- Thoma Bravo LLC ("Thoma Bravo", l-Istati Uniti tal-Amerka);
- Madison Dearborn Partners ("MDP", l-Istati Uniti tal-Amerka);
- Axiom Software Business ta' Kaufman, Hall & Associates ("Axiom", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Thoma Bravo u MDP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Axiom kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- Thoma Bravo: ditta ta' investiment fl-ekwiżità privata li tipprovdi appoġġ ta' ekwiżità u dak strateġiku.
- MDP: ditta ta' investiment ta' ekwiżità privata, b'enfasi fuq l-industrija bażiċi; software u servizzi tan-negozju u tal-gvern; servizzi finanzjarji u ta' tranżazzjoni; il-kura tas-saħħa; u servizzi tat-telekomunikazzjoni, tal-media u tat-teknoloġija;
- Axiom: Il-provvista ta' soluzzjoni EPM komprensiva bbażata fil-cloud li tinkludi l-budgeting, it-tbassir, ir-rapportar, l-analitika, il-ġestjoni tal-istrateġija, il-konsolidazzjonijiet, l-ippjanar tal-kapital, l-immudellar tal-profittabbiltà u l-ġestjoni tal-ispiża.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9884 — Thoma Bravo/Madison Dearborn Partners/Axiom

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9855 — Onex/Independent Clinical Services)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 219/11)

1. Fl-24 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Onex Corporation ("Onex", il-Kanada),
- Independent Clinical Services (ir-Renju Unit), ikkontrollata minn TowerBrook Capital Partners L.P.

Onex takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Independent Clinical Services kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Onex: tinvesti f'diversi negozji madwar id-dinja fosthom is-servizzi tal-manifattura tal-elettronika, it-teħid tal-immaġni fil-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-assigurazzjoni, il-prodotti tal-imballaġġ u l-bejgħ bl-impnut tal-ikel u r-ristoranti.
- Independent Clinical Services: tipprovdi soluzzjonijiet ta' ġestjoni tal-forza tax-xogħol, servizzi tal-kura tas-saħħa u soċjali u servizzi ta' persunal fis-setturi tal-kura tas-saħħa, tal-kura soċjali u tax-xjenzi tal-ħajja. Hija preżenti primarjament fir-Renju Unit u sa ċertu punt fil-bqija tal-Ewropa, l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Asja-Paċifiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9855 — Onex/Independent Clinical Services

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email : COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks + 32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

RETTIFIKA**Rettifika tal-Avviż ta' Informazzjoni — Konsultazzjoni Pubblika Indikazzjonijiet Ġeografiċi mill-Ġappun**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 217 tal-1 ta' Lulju 2020)

(2020/C 219/12)

F'pagna 38, fit-tabella, is-seba' linja, Nru 6, it-tieni kolonna,

minflok: “ヤマダイかんし兎よ / かんしよ”,

aqra: “ヤマダイかんしよ / 兎かんしよ”.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT